II

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# IL-KUNSILL

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Diċembru 2004**

**dwar il-konklużjoni u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli proċessati**

(2005/45/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 flimkien ma' l-Artikolu 300(2), u l-Artikolu 300(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tinnegozja mal-Konfederazzjoni Svizzera dwar Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli proċessati.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' fis-20 ta' Ottubru 2004 ([1]), u suġġett għall-konklużjoni f'data aktar tard, il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fis-26 ta' Ottubru 2004.

(3) Il-Ftehim jipprovdi għall-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ.

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

([1]) Li għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera tat-22 ta' Lulju 1972 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-prodotti agrikoli proċessati qiegħed hawn jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Komunità fir-rigward tad-deċiżjonijiet jew ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt bażati fuq l-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru. 2 tal-Ftehim għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 5(1) tal-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea ([2]).

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*Artikolu 4*

Skond l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim u qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Frar 2005, sakemm il-miżuri ta' implimentazzjoni kif definiti fl-Artikolu 5(4) tal-Protokoll Nru 2 ikunu adottati fl-istess żmien.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata *fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 22 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. VEERMANN